MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CARUANA DEMAJO GIANNINO

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1056/2002

**Vincent Cuschieri Limited**

**Vs**

**Rinella Entertainment Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta Rinella Entertainment Limited hija debitrici tas-socjeta` attrici Vincent Cuschieri Limited fis-somma ta’ sebat elef seba’ mija disgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu

(Lm7,729.75) prezz ta’ merci mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta;

Illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm interpellata thallas anke permezz ta’ ittra ufficjali tal-31 ta’ Lulju 2001 u ta’ ittra interpellatorja tas-16 ta’ Mejju 2001 baqghet inadempjenti; u

Illi jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega biex jigi dispensat is-smigh a tenur ta’ l-artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tordna li l-kawza ghandha ssir bid-dispensa tas-smigh; u

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Rinella Entertainment Limited bhala debitrici tas-socjeta` attrici thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta’ sebat elef seba’ mija disgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm7,729.75) prezz ta’ merci mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta u dan oltre l-imghaxijiet legali tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma b’effett mill-31 ta’ Lulju 2001, data tal-ittra ufficjali, sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta’ Lulju 2001 u tal-ittra interpellatorja tas-16 ta’ Mejju 2001 kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn John Cuschieri u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa’ ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’

l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm